# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

# Imhallef

# Onor. Joseph G. Galea Debono B.A., LL.D.

Appell Numru : 116/2002

Il-Pulizija

Vs

Raymond Parnis

Illum il-Hamis 4 ta' Lulju, 2002

Il-Qorti :

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Raymond Parnis quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :

1) fid-9 t'Ottubru, 2001 ghall-habta tad-9.15 hrs waqt li kien fi Triq il-Wied Hal-Qormi, kiser il-bon ordni u l-paci pubblika bl-ghajjat u glied ;
2) u aktar talli hebb ghall-martu Maria Parnis u kkagunalha griehi ta' natura hafifa skond ma ccertifika Dr. Carbonaro MD ta' Qormi Health Centre.

Rat is-sentenza tal-istess Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-3 ta' Mejju, 2002, li biha wara li rat l-Art. 338(dd), 221, 339(d), 383, 7(2)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, iddikjarat li qed issib lill-imputat hati u kkundannatu ghal xahar detenzjoni u qegheditu in oltre taht garanzija ta' LM100 ghal sena bl-obbligazzjoni li ma jimmolestax lil martu u lil uliedu.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant minnu pprezentat fl-10 ta' Mejju, 2002 li bih talab li din il-Qorti jogghobha tirrevoka s-sentenza appellata, tilliberah minn kull htija u piena u fi kwalunkwe kaz kemm il-darba jkun hemm konferma tal-ewwel akkuza tnehhi l-piena karcerarja u taghti kull provvediment li huwa aktar xieraq u utli ghal kaz.

Semghet ix-xhieda ta' mart l-appellant, Maria Parnis li kienet il-vittma tar-reat in kwistjoni li talbet lill-Qorti biex il-piena karcerarja tigi revokata anki ghaliex l-appellant qed imantni lilha u lill-uliedha, pero' talbet ukoll li l-garanzija mposta mill-Ewwel Qorti tibqa treggi.

Rat l-adezjoni tal-prosekuzzjoni ghal din it-talba;

Rat in-nota ta’ cessjoni tal-appellant ipprezentata seduta stante li biha ceda l-appell fil-meritu u zammu ferm dwar il-piena.

Ghal dawn il-motivi tirriforma s-sentenza appellata billi fil-waqt li tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellant hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu u fejn poggietu taht garanzija ta’ LM100 ghal perjodu ta’ sena bl-obbligazzjoni li ma jimmolestax lill-martu u lill-uliedu, u tirrevokha in kwantu ikkundannatu ghal xahar detenzjoni u minflok tillibera lill-appellant bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mill-lum taht il-provvediment tal-Art. 9 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta’ Malta.

(ft) Joseph G. Galea Debono
Imhallef

Paul Miruzzi
Dep. Reg.

04.07.2002